MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru 9/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anthony Bartolo**

Illum, 29 ta' Mejju 2008

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Anthony Bartolo minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Frar 2008, li permezz taghha dik il-qorti rrespingiet l-

eccezzjoni preliminari minnu sollevata permezz tan-nota tieghu tas-26 ta’ Frar 2007.

**2.** Bartolo tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta’ Ottubru 2004 fuq diversi imputazzjonijiet fosthom dik li tipotizza r-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju. Il-verbal ta’ l-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2004 ighid – safejn dan hu relevanti ghal dan l-appell – hekk:

**Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit mill-Avukat Difensur tieghu Dr Roberto Abela. L-ufficjali prosekuturi, Ispetturi Carmelo Magri u Geoffrey Azzopardi.**

**Xehed: Carmelo Magri u Geoffrey Azzopardi (Spetturi) Fejn ipprezenta, qara, kkonferma u halef c-“charge sheet” taht Gurament fl-Awla…**

**3.** Wara li saret l-istruttorja u wara diversi rinviji, l-Avukat Generali, fid-29 ta’ Jannar 2007, ipprezenta l-att ta’ akkuza kontra l-imsemmi Bartolo, liema att ta’ akkuza fih tliet kapi: (i) akkuza ta’ tentattiv ta’ omicidju, (ii) akkuza talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, u (iii) akkuza ta’ offiza gravi volontarja fuq il-persuna.

**4.** Permezz ta’ nota pprezentata fis-26 ta’ Frar 2007, l-imsemmi Anthony Bartolo eccepixxa **“Illi l-kawza fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi ma tistax tghaddi ‘l quddiem fuq l-att ta’ akkuza pprezentat stante li hemm difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas tar-rapport tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artikolu 579(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”**

**5.** Wara li din l-eccezzjoni giet trattata quddiem il-Qorti Kriminali fl-udjenzi tad-19 ta’ Ottubru 2007 u 15 ta’ Novembru 2007, dik il-qorti tat is-sentenza taghha fl-14 ta’ Frar 2008 li fiha hija rrespingiet din l-eccezzjoni. Dik il-qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Illi l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment kif gej:-**

***""L-att ta' l-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minhabba xi wiehed minn dawn id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' l-akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija ……bla hsara dejjem tal-jedd ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skond il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova."***

**"Illi mbaghad skond l-artikolu 390(1) tal-Kap.9 il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja trid :-**

***""tisma' r-rapport bil-gurament ta' l-ufficjal tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport. Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub."***

**"Ikkonsidrat;**

**"Jibda biex jinghad li r-riferenzi li saru mid-difiza waqt it-trattazzjoni tal-eccezzjoni ghas-sentenzi Ir-*Repubbblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et* [13.7.2006], *Regina vs. Carmelo Refalo* (App. Krim. Superjuri - [12.2.75]) u ghall-bran mill-*Cremona* xejn ma jghinu biex tigi rizolta l-kwistjoni quddiem din il-Qorti f'din il-kawza. Fl-ewwel kawza din il-Qorti kienet annullat att t'akkuza minhabba difett fl-atti tal-istruttorja konsistenti fin-nuqqas tal-ezami tal-akkuzati. Fit-tieni kawza il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) kienet iddecidiet li l-fatt li l-Magistrat jiffirma l-ezami tal-akkuzati *in capo* minnflok *in calce* ma jammontax ghal nuqqas tal-ezami tal-akkuzati u ergo ghan-nullita` tal-atti tal-inkwizitorja w konsegwentement ghan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza. Il-bran mill-Cremona ma jindirizzax il-kwistjoni *ut sic* lanqas.**

**"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li meta kienet ser tibda l-kumpilazzjoni, l-Ispetturi prosekuturi kienu kkonfermaw l-akkuzi bil-gurament. Dan jirrizulta espressament mill-verbal a fol. 5. Kif irriteniet fil-kawzi l-ohra decizi fl-udjenza tal-lum u cioe` *Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Gatt et* u *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Owen Bonnici*, fil-fehma ta' din il-Qorti l-qari tal-akkuza bil-gurament mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun qed jaghmel il-prosekuzzjoni jissodisfa l-vot tal-ligi kif mahsub fl-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali. Din kienet dejjem il-prassi segwita fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w cioe` li mal-prezentata bl-arrest (jew f'kazijiet fejn l-akkuzat jigi imsejjah biex jidher b'citazzjoni) li l-ewwel u qabel kollox jitla' fuq il-pedana tax-xhieda l-ufficjal prosekutur u jaqra *verbatim* l-akkuza jew akkuzi w jikkonfermahom bil-gurament. Dan hu r-*rapport* ghall-fini tal-ligi f'dan il-kontest w din il-Qorti ma taf bl-ebda forma ta' *rapport* iehor li tintuza f'dan l-istadju tal-process kriminali.**

**"Illi hu minnu li, ghalkemm gie verbalizzat li din il-formalita` ritwalistika giet osservata, fl-atti tal-istruttorja ma hemmx it-traskrizzjoni ta' din il-konferma tal-akkuza bil-gurament mill-Ispetturi Magri w Azzopardi.**

**"Pero` dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma jammontax ghar-rekwizit ta' '<u>nuqqas ghal kollox </u>tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija'.**

**"Illi kif fuq intqal gie espressament verbalizzat li z-zewg spetturi prosekuturi kienu ipprezentaw, qraw, ikkonfermaw u halfu c-'charge sheet' taht gurament fl-Awla w kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza *Il-Pulizija vs. Martin J. Camilleri* [20.1.1995] (per V. DeGaetano J.) meta ccitat verbatim minn sentenza ohra moghtija mill-Qorti diversament preseduta fil-kawza *Il-Pulizija vs. Joseph Mohnani* [28.4.1993], sia pure f'kuntest differenti minn dak mertu ta' din l-eccezzjoni: *"il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom***

***jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."***

**"Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba gie espressament verbalizzat li l-ufficjali tal-pulizija ikkonfermaw c-*charge sheet* ossia l-akkuza bil-gurament, ma jirrizultax id-difett fl-atti tal-kumpilazzjoni li jista' jaghti lok ghan-nullita` tal-att ta' l-akkuza odjern skond l-art. 597(4) tal-Kodici Kriminali w, konsegwentement, l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat qed tigi respinta."**

**6.** Bartolo appella permezz ta' rikors minnu pprezentat fid-19 ta' Frar 2008. L-aggravju tieghu jikkonsisti, bazikament, filli l-ewwel qorti kienet skorretta meta qalet li r-rapport guramentat li jissemma' fl-artikolu 390(1) tal-Kap. 9 huwa semplicement l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imputat konfermati bil-gurament ta' l-ispettur li jkun ser imexxi l-kaz. L-appellant jikkontendi li kieku dan kien minnu, "allura kull meta l-imputat jew akkuzat ma jigix eventwalment misjub hati ta' l-akkuzi peress li dawn ma jkunux jirrizultaw fil-konfront tieghu…l-istess ufficjal prosekutur ikun potenzjalment ha gurament falz." Huwa jsostni li r-rappport bil-gurament li ghalih jirreferi l-artikolu 390(1) huwa dak imsemmi fid-disposizzjonijiet li jinsabu fit-Titolu I tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali (artikoli 535 *et seq.*) u mhux semplicement ic-"charge sheet" konfermata bil-gurament. Isostni, ghalhekk, li f'dan il-kaz hemm l-assenza totali ta' dan ir-rapport.

**7.** Din il-Qorti semplicement ma tistax taqbel ma' l-appellant, u hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet perfettament korretta fil-konkluzjoni taghha ghal dak li jammonta ghar-rapport bil-gurament imsemmi fl-artikolu 390(1), kif ukoll meta kkonkludiet li fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm "nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija" ghall-finijiet ta' l-artikolu 597(4) tal-Kap. 9 (salv dak li ser jinghad aktar 'il quddiem). Huwa car mil-lokuzzjoni adoperata mil-legislatur fl-artikolu 390(1) li r-rapport bil-gurament imsemmi f'dik id-disposizzjoni ma

hu xejn ghajr l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet li l-ufficjal prosekutur ikun qed jaddebita fil-konfront ta' l-imputat -- imputazzjoni jew imputazzjonijiet li jridu jkunu jipotizzaw (ghall-anqas imputazzjoni minnhom) reat li jeccedi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dan hu r-rapport li jsir mill-ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva lill-awtorita` gudizzjarja fil-bidu tal-kumpilazzjoni[1], rapport li l-ufficjal prosekutur jassumi fuqu l-obbligu li jsahhah bil-provi li jingiebu matul l-istess kumpilazzjoni. Tali interpretazzjoni ta' xi jfisser "rapport bil-gurament" ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni tikkombacja perfettament wkoll ma dak li jghid u jrid il-*proviso* ta' l-artikolu 540 tal-Kap. 9, u cioe` li "jekk wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela kontra persuna, din tigi mharrka, jew, meta l-Pulizija Ezekuttiva ghandha s-setgha li tghaddi minnufih ghall-arrest tal-persuna, din il-persuna tigi arrestata, il-Pulizija tista' tgharraf lill-qorti bir-rapport, denunzja jew kwerela, f'dak il-hin li l-persuna mharrka jew arrestata tingieb quddiemha." Ta' min josserva li l-ligi taghna, ghalkemm taghti definizzjoni ta' denunzja[2] u ta' kwerela[3], ma tipprovdi ebda definizzjoni ta' x'inhu rapport. Id-dottrina, pero`, tghallem li rapport huwa fil-fatt dak l-att (li jista' jkun ukoll wiehed verbali) li bih ufficjal pubbliku jinforma lill-awtorita` kompetenti b'reat li sar jaf bih waqt il-qadi ta' dmirijietu. Il-ligi, fl-artikolu 390(1) imsemmi, tirrikjedi li l-ufficjal prosekutur, li huwa wkoll ufficjal pubbliku, jikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament biex tassigura, tenut kont tal-gravita` ta' l-imputazzjonijiet – kif rajna wahda minnhom trid tkun tezorbita mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – li huwa jew haddiehor ikun ghamel ghall-anqas dak il-minimu ta' investigazzjoni li jkun wassal lill-istess ufficjal prosekutur biex jemmen li l-imputat x'aktarx huwa hati ta' l-akkuzi ipotizzati fl-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. In fatti, meta si tratta ta' reati anqas serji u li allura jidhlu fil-kompetenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jekk ir-rapport (l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) jigix

---

[1] Li l-akkuzi jew imputazzjonijiet konfermati bil-gurament jammontaw ghar-"rapport" li trid il-ligi gie wkoll accettat, ghalkemm forsi implicitament, minn din il-Qorti (komposta min Imhallef wiehed) fis-sentenza taghha tal-11 ta' Dicembru 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri**.
[2] Art. 535 tal-Kap. 9.
[3] Art. 538 tal-Kap. 9.

konfermat o meno bil-gurament hija haga mhollija fid-diskrezzjoni tal-qorti[4], bhalma hija mhollija wkoll fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk il-kwerela, f'kazijiet fejn il-prosekuzzjoni titmexxa mill-parti offiza, ghandhiex tigi konfermata mill-kwerelant[5].

**8.** Pero` l-artikolu 390(1) ikompli jghid: "Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub". Issa, fil-kaz in dizamina, mill-verbal aktar 'il fuq riprodott, jirrizulta abbundantement car li l-ufficjali prosekuturi t-tnejn ikkonfermaw ir-rapport taghhom – l-imputazzjonijiet migjuba kontra Bartolo – bil-gurament, izda, kuntrarjament ghall-prassi salutari li kienet tigi segwita sa ftit ta' snin ilu, l-imputazzjonijiet ma gewx riprodotti f'forma ta' rapport (jigifieri f'pagna differenti mill-imputazzjonijiet, li tkun intestata "Rapport ta' l-Ispettur N.N. li bil-Malti, bil-gurament, fil-presenza tal-imputat, ighid…"). Il-Qorti tiehu l-okkazjoni biex tigbed l-attenzjoni tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, sabiex jassigura li tali prassi tibqa' tigi segwita biex jigi evitat hafna tfettiq inutili fl-istadji ta' wara l-istruttorja. Fil-kaz in dizamina, il-verbal kif redatt tnizzel bil-miktub, u ghalhekk irregistra l-fatt li l-imsemmija zewg spetturi kienu kkonfermaw ir-rapport taghhom, konsistenti fic-*charge sheet* li tinsab a fol. 1 u 2 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni, bil-gurament. Ghalhekk lanqas huwa l-kaz, kif donnha ssuggeriet l-ewwel qorti, li hawn ghandha xi nuqqas, pero` mhux "nuqqas <u>ghal kollox</u>". Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz ma hemmx nuqqas, la ghal kollox u lanqas in parti, tar-rapport bil-gurament ghall-finijiet ta' l-artikoli 390(1) u 597(4) tal-Kodici Kriminali.

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminli sabiex din tipprocedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkuzat Anthony Bartolo. Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Agent Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali in vista ta' dak li jinghad fil-paragrafu **8**, *supra*.

---

[4] Art. 375(d) tal-Kap. 9.
[5] Art. 374(j) tal-Kap. 9.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------